# Jekk ma tafx ilsien pajjiżek ...?

minn Joseph J. CAMILLERI B.A., M.A., A.I.E. (Lond.)

Interessanti x-xebh li jeżisti bejn lingwi differenti. Dan sar tul iż-żminijiet mingħajr ebda ħsieb, għalhekk wieħed bir-raġun jistaqsi kif pajjiż 'il bogħod minn pajjiż ieħor għandu espressjonijiet, qwiel u fonetika jixxiebhu. Dan l-effett ta' l-impatt li ħallew l-ilsna klassiċi u semitiċi? Tista' tkun waħda mir-raġunijiet.

It-Torok, per eżempju, għandhom għadd ta' qwiel li jixbħu ferm lil tagħna bl-istess tifsira, tagħlima u terminolopija. Insemmu xi wħud: xkora vojta ma żżommx wieqfa; kliem fieragħ ma jimliex stonku vojt; jekk Alla jagħlaq bieb, jiftaħ mija; il-ħuta minn rasha tinten; min ma jibkix ma jerdgħax; qis mitt darba u aqta' darba. Il-lista hija ferm aktar twila. Kif dan il-ħsieb komuni hu espress bl-istess idjoma? B'kumbinazzjoni?

Bħal kull ilsien ieħor, il-Malti kellu matul is-sekli ħafna influwenzi fir-rigward ta' kif issawru ċerti espressjonijiet, kif ġie fformat vokabolarju biex jaqdi l-ħtiġijiet ta' kuljum. Kull grupp etniku li mill-ibgħad żminijiet għamel daru fil-gżejjer tagħna, influwenza dak il-proċess li, minkejja n-nuqqas ta' kitba, baqa' jintiret minn fomm għall-ieħor. Per eżempju, ma setgħetx il-kelma mitkellma tul il-ħakma Għarbija ta' mitejn u għoxrin sena ma ħallietx impatt u serviet ta' struttura bażika u l-pedament semitiku li fuqu baqa' jinbena lsienna. Kien hemm żminijiet meta l-abitanti tal-gżejjer tagħna kienu Musulmani - skond l-istoriku Giliberti f'xi żmien fis-seklu 13 kien hemm 681 familja Musulmana u 13 Insara.

Naturalment eżistew influwenzi oħra. Il-ħakmiet bikrin, bħal dawk Normanni ftit influwenzaw. Mal-miġja tal-Kavallieri ta' San Ġwann beda dieħel u jsib postu kliem u espressjonijiet romanzi, l-aktar Sqallin u Taljani tan-naħa t'isfel tal-peninżula. Ġew biex jibqgħu, influwenzaw l-aktar il-kelma mitkellma. Trid tqis ukoll il-fatt li t-Taljan kien l-ilsien uffiċjali tal-gżira ta' l-amministrazzjoni, tal-Knisja lokali, tal-qrati u ta' l-edukazzjoni f'pajjiżna. Meta ġew l-Ingliżi ma setgħux iħallu dik il-predominanza tat-Taljan f'kolonja Ingliża. Xejn ma ħasbuha biex meta nqala' l-inkwiet illeġiżlaw u solvew dik li ssejħet 'il-Problema tal-Lingwa'. L-ilsien Malti mitluq u meqjus dak iż-żmien bħala 'tal-kċina', gawda skond il-qawl 'fi ġlieda bejn tnejn igawdi t-tielet'.

Interessanti l-fatt li f'xi żmien ftit ilu kienu għadhom jeżistu differenzi bejn raħal u ieħor kif jiġu mitkellma ċerti espressjonijiet u vokabolarju partikolari għal naħa u mhux għal oħra. Il-Mostin barra minn 'pigħada' jgħidu 'pitpitgħada', ukoll 'pitilbieraħ' u 'l-bieraħtlula'; u biex isiktu lil xi ħadd jgħidulu 'issa biżżejjed', jekk għall-aktar minn wieħed 'issa biżżejdu'. Qaluli li xi snin ilu fix-Xewkija kien hemm mara anzjana li kellha vokabolarju u espressjonijiet tagħha partikolari.

Analiżi ħafifa tagħtina ħjiel ta' xi aspetti ferm interessanti. Bilkemm nirrealizzaw kemm eluf ta' kliem li llum nużaw il-ħin kollu, huma bażikament ta' nisel Sqalli. Ix-xjuħ tagħna assimilawhom, sawruhom kif deherilhom, għamluhom tagħhom u tawhom bixra Maltija kif ħassewha. Ittantaw maż-żmien jiktbuhom ukoll. Xorta waħda tibqa' l-mistoqsija u l-enigma: kif tassew irnexxa dan l-impatt kollu? Illum ma ngħaddux mingħajr dan il-vokabolarju għaliex jolqot il-fażijiet kollha tal-ħajja ta' kuljum, għodod, ikel, użanzi, imġiba ... Il-Prof. J. Aquilina kklassifikahom taħt wieħed u għoxrin grupp. Ma jfissirx li dan il-vokabolarju m'għandux ukoll ekwivalenza semitika. Nammiraw id-dehen u l-għaqal ta' dak li għamlu l-antenati tagħna, għandhom mnejn bla ma dan irrealizzawh. Maż-żmien il-pajjiż kellu influwenzi oħra, bħal ftit Franċiż u aktar Ingliż kif, per eżempju turi t-taħlita ta' kunjomijiet.

Meta niġu biex nitrattaw l-ortografija mhix ta' nisel semitiku, jinqalgħu għadd ta' problemi, għaliex mhux il-kliem kollu jippresta ruħu biex jieħu s-sura Maltija. Kliem ġdid li daħal, per eżempju mill-Ingliż, ma nistgħux inwarrbuh u artifiċjalment infittxu biex insibulu sostituti. Ċerti kliem faċli jieħdu ortografija fonetika Maltija. Kliem bħal kju, sterjo, brejk, ċekk, klaċċ, friġġ, starter, dispaċċ, eċċ. ma joħolqux problemi bħal meta niġu biex niktbu oħrajn bħal *enclosure*, *hydraulic*, *voucher*, *claustrophobia*, *silhouette*, *exhibition* ... Dawn inħalluhom fl-oriġinal jew nittantaw insibulhom bixra ortografika Maltija? Żgur iżda li ma jistax kulħadd jitħalla jiddeċiedi hu waħdu. Din hija problema lingwistika u ortografika u jeħtieġ studju dwarha fuq bażi nazzjonali.

Il-kliem romanz ma ħoloqx wisq problemi meta ġie mogħti bixra Maltija, malajr ippresta ruħu. Għad li mhux magħżulin bl-ebda ordni, xi ftit eżempji ta' kliem romanz marbutin mal-ħtiġijiet ta' kuljum, jixhdu dan. Dan japplika għal-lingwi kollha. L-Ingliż, per eżempju kellu u għad għandu ħtieġa ta' terminoloġija ġdida fejn tidħol ix-xjenza, il-mediċina, l-ispazju, l-industrija,

l-ekonomija ... Sawwar kliem ġdid li qabel ma kellux. Dan għamlu billi rrikorra għall-għajnuna tal-lingwi klassiċi - il-Grieg u l-Latin. Ħoloq kliem billi uża terminoloġija bħal *hydro*, bil-Grieg tfisser ilma (*hydrogen*, *hydro phobia*); *hyper* (*hyperbole*) - ħafna, iż-żejjed; *mono* (*monolith*) - wieħed, waħdu; *philio* (*philology*) - wieħed li jħobb; *psycho* (*psychology*) - ir-ruħ, il-moħħ. Il-lista hija twila. Dawn il-kliem huma parti mill-vokabolarju Ingliż, żvilupp importanti li jkollu jissokta ma' l-iżvilupp xjentifiku.

Nikkwota minn artiklu li jittratta topiku xjentifiku. Tistaqsi jekk hux tassew miktub bl-Ingliż u kemm hu faċli jkollok taqilbu għall-Malti. *"The occurrence of syngamy marks a locus of simultaneous convergence and divergence... The ontogenetic zero point of behaviour requires significant neural and mascular development, with the commencement of neuromuscular activity, behaviour follows..."*

Il-mistoqsija kruċjali hi, kif jista' l-Malti jżomm il-pass mal-ħtiġijiet ta' vokabolarju ġdid li jinqalgħu matul iż-żmien? Fl-imgħoddi sibna s-soluzzjoni fl-Isqalli - lista twila ta' għadd ta' kliem Sqalli li llum jagħmlu parti mill-vokabolarju tagħna. Uħud tista' tgħid li baqgħu l-istess - *furcetta, sponsa, plattu, lenza, pompa, cunserva, vuci, spiritiera, cutra* ... Oħrajn issawru kif issuġġerilhom it-timbru tal-ħoss u daqq għal widnejn ix-xjuħ tagħna, ħafna oħrajn tbiddlu ftit.

Xi kliem Sqalli, illum ukoll Malti: *gebbia* (ġiebja), *giarre* (ġarra), *scantatu, pipise* (pespus), *marteddu* (martell), *lapisi, sigarru, biritta, dibbulizza, scuteddu* (skutella), *carruba* (ħarruba), *timprinu, bummulu* (bomblu) ... u ħafna u ħafna aktar kliem bħal: *rummu, miraculu, currituri, pastizzottu, maddumi, cucinera, nunnava (bużnannu), stomaco, cappeddu* (kappell), *broru* (brodu), *lenza, scaffa, pisciuni* (pixxul), *campnaru, fasola, buttuni, drappu, rifriscaturi, cuttuni* (qoton), *tappitu, barbetti, strina, cantuniera, culuri, bastasu* (pastas)...

Illum l-influss ta' kliem u terminoloġiji ġodda ta' anglo-sassoni iżjed minn qatt qabel, ma jistax ma jissuktax. Il-ħtiġijiet tal-ħajja moderna jirrikjedu l-kompromessi, ukoll fejn tidħol l-ortografija u l-kelma mitkellma. Ma naħsibx li għad fadal daqs ftit żmien ilu dawk li kienu jissejħu l-'puristi' li ssuspettaw vokabolarju 'l bogħod mis-semitiku u mal-pedamenti ta' lsienna. Fil-fehma tiegħi la nistgħu u lanqas jaqbel nirreżistu l-influssi, ikollna nadattaw kif wara kollox jagħmlu ilsna oħra.


Central Home
Independence Avenue, Mosta
AGE CONCERN Company Ltd
Tel: 21434178/9 • Fax: 21414440
email: info@ageconcernmalta.com

Agius
BUTCHER

Free Delivery
6 Triq il-Barjol
Ta' Mlit, Mosta
Tel: 21421305